**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 1119/22DC**

***Francis Fenech***
***vs***
***Emanuel sive Leli Fenech u***
***Mary Carmen Fenech***

**Illum, it-8 ta' Lulju 2024**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-konvenuti konjuġi Fenech ippreżentat fil-21 ta' Frar 2024[1], permezz ta' liema talbu lill-Qorti:

> *Tiddeċiedi u tiddikjara illi n-notifika ma sartix in konformita mal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u / jew li hija nulla u li għalhekk l-esponenti ma ġewx validament u debitament notifikati bir-rikors promotur; jew*
>
> *Fin-nuqqas tiddeċiedi u tiddikjara illi l-esponenti għandhom raġuni valida li timmerita l-purgazzjoni tal-kontumaċja tagħhom; u*
>
> *F'kull każ tippermetti li l-esponenti jippreżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom fiż-żmien prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.*

Rat ir-risposta ta'l-attur preżentata fit-12 ta' Marzu 2024[2] permezz ta' liema, għar-raġunijiet hemm premessi, oppona t-talba.

[1] A fol 50.
[2] A fol 55.

Semgħet il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

**<u>Preliminari</u>**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li għalkemm saru diversi tentattvi inutli ta' notifika, tant li l-attur wasal biex talab li jinnotifika lill-konvenuti bil-proċedura ta'l-publikazzjoni u l-affissjoni, meta l-marixxal mar fir-residenza tal-konvenuti biex iwettaq l-affissjoni, kien hemm persuna adulta fir-residenza tal-konvenuti u l-marixxal seta' jinnotifika lill-konvenuti billi jħalli d-dokument f'idejn din il-persuni. Għalkemm isem, ossia il-kunjom, ta' din il-persuna mhux ċar mir-riferta tal-marixxal, jirriżulta mhux kontestat li din il-persuna kienet Graziella Doti, il-mara tat-tifel tal-konvenuti. Din in-notifika saret fil-1 ta' Diċembru 2023[3].

Illi l-konvenuti ma preżentawx risposta ġuramentata u fl-udjenza miżmuma fit-30 ta' Jannar 2024[4], f'liema udjenza ma deherux, ġew dikjarati kontumaċi u l-kawża tħalliet għall-provi ta'l-atturi.

Illi mbagħad fil-21 ta' Frar 2024 ġie preżentat ir-rikors odjern.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuti jikkontendu li għalkemm ġew notifikati bir-rikors promotur "*dan ma kienx komplut";* jgħidu li bħala konsegwenza ma setgħux ikunu jafu d-data tas-seduta u lanqas kienu f'pożizzjoni li, tramite l-avukat tagħhom, jippreżentaw risposta ġuramentata. Huma jikkontendu li n-notifika ma saritx in konformita mal-artikolu 187 tal-Kap 12 u għalhekk hija nulla. Għalhekk talbu dikjarazzjoni li ma ġewx validament notifikati bir-rikors promotur u dikjarazzjoni li għandhom raġuni valida biex jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom,

Illi da parti tagħhom l-attur jikkontendi li t-talbiet tal-konvenuti huma kontradittorji għaliex ma jistgħux jitolbu l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja u jilmentaw ukoll li n-notifika lilhom tar-rikors ġuramentat ma saritx validament. L-attur pero jinsisti li n-notifika tal-konvenuti saret regolarment u hija valida.

Ikkunsidrat

[3] Riferta a fol 47.
[4] Ref verbal a fol 49.

Illi qabel ma tinoltra ruħha fil-mertu tat-talba in eżami l-Qorti hija tal-fehma li għandha tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Illi huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza li kwistjonijiet dwar validita o meno tan-notifika u dawk dwar il-kontumaċja huma kwistjonijiet separati u distinti. Kif ntqal fis-sentenza mgħotija 17 ta' Mejju 2004 mill-Qorti tal-Appell Inferjuri f'l-ismijiet ***Jesmond Sacco et vs Concetta Charles et***:

> *Huwa evidenti mill-kontenut tal-aggravji illi, apparti l-meritu, hawn ghandna zewg kwestjonijiet preliminari li jehtiegu ezami, epurazzjoni u decizjoni qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu. Dawn iz-zewg kwestjonijiet jikkoncernaw in-nullita tan-notifika tal-atti fir-rigward ta' wiehed mill-appellanti u l-fatt tal-kontumacja.*
>
> *Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-22 ta' Novembru 1989 fil-kawza f'l-ismijiet "Emanuel Stellini - vs- Carlo Vella et", "il-kwestjoni tan-nullita tan-notifika 'de quo' u l-kontumacja tal-konvenut huma zewg kwestjonijiet differenti. Infatti kieku n-notifika tac-citazzjoni kienet nulla l-appellant ma kienx jista' jkun meqjus li kien kontumaci u l-kawza ma kienetx tista' timxi l-quddiem qabel ma l-konvenut jigi notifikat mill-gdid skond il-ligi".*

Illi dan il-prinċipju baqa' jiġi riaffermat tul is-snin u f'sentenza aktar riċenti mgħotija mill-Qorti ta'l-Appell Superjuri fil-kawza ***HSBC Bank Malta plc vs. Standard Chartered Bank Limited***[5] ntqal li:

> *Kemm-il darba wieħed jitkellem dwar jekk in-notifika hijiex valida, allura ma jibqax iżjed il-każ li wieħed jitkellem ukoll dwar il-jedd li jneħħi l-kontumaċja, għaliex notifika invalida, jew nuqqas ta' notifika skond il-liġi, ma tagħti qatt bidu għaż-żmien li jimxi kontra l-persuna li, fil-fatt, ma tkun ġiet notifikata qatt. Wieħed ma jistax jaqa' kontumaċi jekk mhux wara li jkun ġie validament notifikat bir-Rikors Maħluf. Għalhekk, huwa biss f'każ li jirriżulta li hemm notifika valida li wieħed jgħaddi biex jgħarbel jekk il-kontumaċja li sseħħ tkunx waħda ġustifikabbli jew inkella waħda ta' ħtija.*

Illi fil-każ in eżami il-konvenuti qed jitolbu l-ewwel dikjarazzjoni li n-notifika hija nulla u qed jitolbu ukoll dikjarazzjoni li għandhom raġuni valida biex jiggustifikaw il-kontumaċja tagħhom u konsegwentement talbu l-

[5] Deċiża 12 ta' Lulju 2019.

awtoriżżazzjoni biex jippreżentaw risposta ġuramentata. Għalhekk, u b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza appena ċitata ghall-każ in eżami, il-Qorti għandha l-ewwel tikkunsidra l-kwistjoni jekk in-notifika tar-rikors ġuramentat hiex valida jew le; u f'każ biss li n-notifika hija waħda valida tista tipproċedi biex tikkunsidra jekk il-konvenuti kellhomx raġuni tajba a bażi ta' li tiġġustifika in-nuqqas tagħhom li jippreżentaw ir-risposta ġuramentata fiz-żmien prefiss mill-Liġi

## Il-Provi

Illi in sostenn tat-talbiet odjerni l-konvenuti ressqu s-segwent provi:

**Affidavit tal-konvenut Emanuel Fenech**
Huwa jgħid li f'l-1 ta' Diċembru 2023 Graziella Doti, il-mara tat-tifel tiegħu, infurmatu li kienu tħallew xi karti magħha biex tagħtihom lilu u lil mara tiegħu. Fenech ma jgħidx meta ġew f'idejh il-karti pero jgħid li meta induna li l-karti kienu mill-Qorti kellem lill-avukat tiegħu li qallu biex jgħaddihomlu; hu għamel hekk dak in-nhar stess li kellem lill-avukat. Fenech ikompli jgħid li wara li ta l-karti lill-avukat ħalla f'idejh "*madanakollu ġie infurmat wara ftit li kien hemm deċiżjoni tal-Qorti li ma setax itella xhieda u evidenza oħra*". Fenech ikkonkluda jgħid li l-Avukat kien infurmah li r-risposta ma setgħetx tidħol għaliex ma kienx ġie notifikat bir-rikors, ċioe mal-karti li rċieva ma kienx hemm ir-rikors promotur.

**Xhieda tal-Marixxal Carmelo Buttġieġ**
Il-marixxal ikkonferma li huwa aċċeda fir-residenza tal-konvenuti[6] fejn ħalla, ma' persuna jisimha Graziella[7], l-avviż, id-degriet, ir-rikors u xi dokumenti. Huwa spjega li mal-folder jagħmel notamenti bil-lapes biex malli jirritorna l-Qorti jkun ċert li qed jagħmel informazzjoni korretta fir-riferta; fil-fatt waqt id-depożizzjoni ivverifika mal-folder relattiv, u setgħu jiġu konfermati notamenti bil-miktubin bil-lapes. Huwa ikkonferma li atti ġudizzjarji jagħrafhom u kapaċi jiddistingwi att minn ieħor u meta jwettaq notifika jara x'dokumenti qed iqassam u jindikhom fir-riferta relattiva.

## In-notifika tal-konvenuti

[6] Il-marixxal spjega li huwa irnexxielu jsib il-post għax kien ingħata direzzjonijiet mill-avukat.
[7] Il-marixxal fehem il-kumjom ta' din il-persuna bħala Thorton u hekk kitbu fir-riferta; fil-verita kunjomha huwa Doti. Minkejja l-iżball, probabilment riżultat tad-differenza fil-lingwa, m'hemm l-ebda dubbju min hi l-persuna f'idejn min twettqet in-notifika stante li huwa l-konvenut stess li jikkonferma li kienet Graziella Doti, il-mara tat-tifel tiegħu, li ħadet id-dokumenti mingħand il-marixxal.

Ikkunsidrat

Illi jibda biex jingħad illi għalkemm l-konvenuti jilmentaw li n-notifika hija invalida għax ma saritx in konformita ma'l-artikoli 187 et seq tal-Kap 12, fil-verita l-ilment tagħhom huwa li r-rikors promotur lilhom notifikat ma kienx komplut.

Illi jirriżulta ampjament, mhux biss mid-depożizzjoni tal-marixxal imma anke mill-affidavit tal-konvenut, li d-dokumenti tħallew f'idejn persuna adulta, membru tal-familja tal-konvenuti, fir-residenza tagħhom. Għalhekk ir-rekwiżiti ta'l-artikolu 187 huma sodisfatti. Dak li għandu jiġi determinat, u dan tenut kont ta'l-ilment tal-konvenuti, huwa jekk ġewx notifikati ukoll bir-rikors promotur komplut jew le[8].

Illi minkejja li l-konvenuti jgħidu li r-rikors ma kienx komplut f'l-ebda waqt, la fir-rikors, la f'l-affidavit u lanqas waqt is-sottomissjonijiet, ma speċifikaw x' ġie konsenjat lilhom mill-marixxal b'mod li lanqas seta' jiġi stabbilit x'kienu l-atti li allegatament ma waslux għandhom. Dan kien eżerċizju faċli ħafna għax kull ma kien jirrikjedi kien li l-atti li ġew konsenjati lill-konvenuti jitqabblu ma'l-atti proċesswali.

Illi min-naħa l-oħra hemm id-depożizzjoni, ċara u inekwivoka, tal-marixxal. Huwa ikkonferma diversi drabi li huwa ikkonsenja ir-rikors ġuramentat b'xi dokumenti, id-degriet ta'l-appuntamanet u l-avviż tas-smigħ.

Illi fil-fehma tal-Qorti ma tirriżulta l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddubita mill-verżjoni tal-marixxal, partikolarment meta tqies in-nuqqas ta' kjarezza fil-verżjoni tal-konvenuti u r-riluttanza tagħhom li jkunu speċifiċi dwar liema kienu l-atti li waslu għandhom.

Illi tenut kont ta'dan il-Qorti hija konvinta mhux biss mill-fatt li n-notifika saret skond ma jirrikejdi l-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 imma hija konvinta ukoll li l-marixxal ikkonsenja l-atti kollha indikati fir-riferta u għalhekk anke ir-rikors promotur u l-avviz tas-smigħ.

Illi la darba n-notifika tal-konvenuti saret kif trid il-liġi u tenut kont tal-fatt li huma ma preżentawx ir-risposta ġuramentata fiż-żmien għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika l-konvenuti għandhom jitqiesu kontumaċi.

[8] Ai termini ta'l-artikoli 156 u 157 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-attur għandu jieħu ħsieb li jiġu notifikati lill-konvenut ir-rikors ġuramentat flimkien ma' kull affidavit u dokumenti annessi miegħu.

## **Ġustifikazzjoni tal-kontumaċja**

Illi, konfermat li l-konvenuti konjugi Fenech huma kontumaċi, il-Qorti issa trid tistħarreġ jekk din il-kontumaċja hiex ġustifikabbli jew le.

Illi ai termini ta'l-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-konvenut kellu *jippruva għas-sodisfazzjon tal-Qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss*. X'jikkostitwixxi "*raġuni tajba*" mhux stabbilit fil-liġi pero skond ġurisprudenza kostanti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar jekk konvenut kellux ġustifikazzjoni għan-nuqqas tiegħu l-Qorti għandha tkun gwidata mis-segwenti principji:

1. *Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*
2. *Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;*
3. *Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;*
4. *Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;*
5. *L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;*
6. *L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kulpa;*
7. *Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*
8. *L-impossibbilta' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkonstitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.*[9]

Illi dwar x'jikkostitwixxi il-"kawża ġusta" imsemmija f'dawn il-prinċipji f'l-istess sentenza ċitata intqal hekk:

> *Dan magħdud, pero', xorta waħda jibqa' mhux għal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja jidher personalment flewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix iġġustifikata. Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-*

[9] Ref ***Noel Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance*** deċiża mill-Qorti ta'l-Appell fit-28.01.2005 b'referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo*** mgħotija mill-Qorti ta'l-Appell Inferjuri fid-29 ta' Mejju 1937.

*parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita' ġudizzjarja. Dik il-preżenza ta' l-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali leċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.*

Illi t-talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja hija bażata primarjamanet fuq in-nullita tan-notifika anke għax ma kenitx tinkludi l-atti kollha; la darba l-Qorti ikkonkludiet li n-notifika hija valida allura t-talba tal-konvenut għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja in kwantu hekk bażata neċessarjament għandha tfalli.

Illi pero l-konvenuti jikkontendu ukoll li huma għaddew il-karti li rcevew lill-avukat u ħallew f'idejh. Donnu l-konvenuti qed jgħidu li huma għamlu dak kollu li kellhom jagħmlu u r-responsabbilta għaddiet f'idejn ħadd ieħor.

Illi dwar dan l-aspett il-ġurisprudenza tirreferi ghad-*differenza sostanżjali bejn il-konvenut li juri nuqqas ta' interess fil-kontestazzjoni għat-talba ta'l-attur u anki ma jidhirx fl-udjenza meta jiġi msejjaħ biex jidher, u bejn dak il-konvenut illi jindika illi huwa kellu l-intenzjoni li jikkontesta t-talbiet attriċi pero dan m'għamlux bil-mod previst mill-liġi jew fit-termini previsti mill-liġi*[10]. Huwa essenzjali pero li jiġi pppruvat li  l-kontestazzjoni ma tkunx saret, jew jekk saret tardivament, għal raġunijiet li ma jaħtiex għalihom il-konvenut. Huwa fil-fatt stabbilit li

*f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumaċja m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għaliex allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-każ il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn għaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*"[11].

Illi l-qrati tagħna kellhom l-opportunita jippronunzjaw ruħhom ukoll dwar dawk il-każijiet meta in-nuqqas tal-konvenuti milli jipprereżentaw ir-risposta ġuramentata fit-terminu statutorju jkun riżultat ta'l-imġiba jew l-operat ta' terza

[10] Ref *Gloria Beacom vs Anthony Spiteri Staines* deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 1993.
[11] Ref *Carmelo Bugeja vs Mary Farrugia* deċiza mill-Qorti ta'l-Appell fis-16 ta' Frar 1996.

persuna[12]. Fis-sentenza mgħotija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' April 2003 fil-kawża f'l-ismijiet *Waldonet vs David Thake* intqal hekk:

> *F'dan ir-rigward, il-Qrati tagħna għarfu bejn dawk il-każijiet fejn l-imġiba ta' avukat imqabbad tempestivament mill-parti mħarrka wasslet biex din taqa' kontumaċi (f'liema każ il-Qorti normalment tippermetti li l-imħarrek jitħalla jikkontesta l-kawża) minn dawk fejn il-parti mħarrka ma tersaqx għand avukat f'waqt xieraq, jew tibqa' tittrattjeni sal-aħħar, jew tonqos li tikkomunika kif imiss ma' avukat b'impenn serju li ma tħallix iż-żmien għat-tressiq ta' Nota tal-Eċċezzjonijiet jgħaddi għal xejn;*[13]

Illi mill-atti jirriżulta mhux kontestat li n-notifika twettqet f'l-1 ta' Diċembu 2024 billi tħallew l-atti relattivi, f'idejn Graziella Doti, fir-residenza tal-konvenuti. Il-konvenut jammetti ukoll li Doti kienet infurmatu, dak in-nhar stess ċioe f'l-1 ta' Diċembru 2023, li kienu tħallew xi karti magħha sabiex tgħaddihom lilu u lil martu. Il-konvenut ma jgħidx meta huwa jew martu ħadu l-karti, lanqas jgħid meta ċempel lill-avukat u mar jagħtih il-karti li kien irċieva. L-unika ħjiel fir-rigward huwa l-asserzjoni tal-konvenut li ftit wara li mar għand l-avukat ġie infurmat li kien hemm deċizjoni li ma setax itellha provi; huwa kien qed jirreferi għad-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-konvenuti kienu kontumaċi. Din id-dikjarazzjoni saret fit-30 ta' Jannar 2024 u għalhekk sittin ġurnata wara d-data tan-notifika. Għalhekk, jekk l-konvenut mar għand l-avukat "ftit qabel" it-30 ta' Jannar 2024, huwa fil-fatt mar għand l-avukat meta kienu laħqu għaddew l-għoxrin ġurnata li fihom kellha tiġi preżentata ir-risposta ġutramentata[14]. Il-konvenut m'għamel l-ebda tentattiv biex jipprova jispjega għalfejn ħalla dan iż-żmien kollu jgħaddi qabel ma kellem lill-avukat, dan minkejja li kien jaf li kellu karti mill-Qorti. Għalhekk mill-atti ma jirriżultax x'kien l-impediment invinċibbli imsemmi fil-ġurisprudenza. Għal kull bon fini u b'referenza għall-asserzjoni tal-konvenuti li ma kienux f'pożizzjoni li jirrispondu għar-rikors ġuramentat għax ma kienx komplut, asserzjoni li kif intqal aktar l-fuq ġiet skartata, għandu jingħad li kieku l-konvenuti verament kellhom l-intenzjoni li jikkontestaw il-kawża tempestivament, immedjatament malli irċevew l-atti kienu jagħmlu verifiki fir-reġistru u jidhru f'l-ewwel appuntament u jressqu l-ilmenti tagħhom dwar n-notifika.

Illi tenut kont tas-suespost u fin-nuqqas ta' xi prova kwalunkwe li turi li kien hemm mhux biss kawża ġusta li impediet lill-konvenuti milli jagħmlu dak li

[12] F'l-affidavit jgħid li huwa ta l-karti lill-avukat u ħalla f'idejh.
[13] F'dan is-sens ukoll: *Robert Bondin Carter vs Frank Zahra* Prim' Awla deċiza f'l-24 ta' Jannar 2017 u *Victoria Tabone vs Daniel Orsini* Prim'Awla deċiza f'l-4 ta' Lulju 2017.
[14] L-għoxrin ġurnata skadew fil-21 ta' Diċembru 2023.

kienu fid-dover li jagħmlu, imma li kienu jeżistu ukoll cirkostanzi ta' impediment invinċibbli li żammhom milli jikkontestaw il-kawża bil-mod kif trid il-Liġi, il-Qorti m'għandha l-ebda għażla hlif li tiċħad it-talba tal-konvenuti. Dan il-Qorti tgħidu konsapevoli li *l-prinċipju ewlieni tal-ħaqq naturali tal-audi alteram partem jitfa' responsabbilta' mhux żgħira fuq il-ġudikant li jgħarbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi waħda mill-partijiet li tiġi miżmuma milli tressaq il-każ tagħha quddiem it-tribunal li jkun*[15].

Għal dawn il-motivi l-Qorti **tiċħad it-talbiet** tal-konvenuti konjuġi Fenech dedotti fir-rikors preżentat fil-21 ta' Frar 2024. Spejjez relatati ma' dan ir-rikors huma a karigu tal-konvenuti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REGISTRATUR**

[15] Ref *Waldonet vs David Thake* op cit.